MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 749/1990/1

**Joseph Borg**

**vs**

**Agostino sive Ino Bonello**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI: IC-CITAZZJONI ATTRICI**

1. B'citazzjoni l-attur appellant ippremetta illi huwa hallas id-dejn tal-konvenut appellat ammontanti ghal

Lm3324.97c u dan skond skritturi datati 13 ta’ Marzu 1986 u 2 ta’ Gunju 1986 markati dokument A u B.

Illi ppremetta ukoll illi s-somma ta’ Lm250 bhala arrears tat-telefon thallset minnu a beneficcju tal-konvenut ghall-fond 59 South Street, Valletta.

Illi ppremetta ukoll illi huwa silef lill-konvenut diversi flejjes ammontanti ghal Lm3008.57c u dan sabiex huwa jkun jista’ jirranga r-residenza privata tieghu 67, Palm Street, Paola.

Illi l-ammont totali li l-konvenut appellat ghandu jaghti lill-attur appellant jammonta ghal Lm6583.54c oltre l-imghax legali, u ghalhekk talab lill-Prim’ Awla tal-Qorti li tikkundanna lill-konvenut f’dan is-sens.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut appellat eccepixxa illi l-imsemmija skritturi huma nulli, l-ewwel ai termini tal-Artikolu 977 tal-Kodici Civili, t-tieni ai termini tal-Artikolu 981 tal-Kodici Civili.

Eccepixxa ukoll illi l-hlas ta’ Lm250 huma ta’ telefonati li ghamel l-attur appellant.

Inoltre eccepixxa illi l-ammont mitlub m’huwiex dovut ghax l-attur appellant huwa debitur tal-eccipjenti.

B’riserva ta’ eccezzjonijiet ohra.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Is-sentenza li minnha qed isir dana l-appell inghatat fit-23 ta’ Jannar, 1998, u fil-parti relevanti taghha tghid hekk:
“Nibdew billi nqisu l-ewwel zewg eccezzjonijiet li jghidu li l-iskritturi li fuqhom qieghed jistrieh l-attur ma jiswewx. Ir-raguni ghan-nullita`, ighid il-konvenut, qieghda fl-Art. 977 u 981 tal-Kodici Civili:

977. (1) Il-vjolenza wzata kontra dak li jkun intrabat b’obbligazzjoni hija motiv ta’ nullita`, ukoll jekk dik il-vjolenza tkun giet maghmula minn wiehed iehor li ma jkunx dak li favur tieghu tkun saret l-obbligazzjoni.

(2) Izda, l-obbligazzjoni favur dak li ma jkunx ha sehem fil-vjolenza, bhala hlas ta' l-ghajnuna li jkun ta biex jehles lill-parti li tobbliga ruhha mill-vjolenza maghmula fuqha minn wiehed iehor ma tistax tigi annullata minhabba dik il-vjolenza; izda s-somma jew hag'ohra mwieghda tista' tigi mnaqqsa, kemm-il darba tkun barra mill-qies.

981. (1) L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.

(2) L-eghmil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Dwar il-vjolenza mhux biss ma tressqitx xiehda izda lanqas biss issemmiet waqt is-smiegh tal-kawza. Ghalhekk l-eccezzjoni, safejn mibnija fuq l-Art. 977, jidher car li hija vessatorja, u hija michuda.

Sabiex ninvestigaw l-allegazzjoni l-ohra, dik ta' qerq, irridu qabel xejn naraw x'kienet il-kawza ta' l-obbligazzjoni li tohrog mill-iskritturi.

L-iskritturi milquta bl-eccezzjoni ta' nullita` minhabba qerq huma tnejn: l-ewwel wahda saret fit-13 ta' Marzu 1986 u l-ohra fit-2 ta' Gunju 1986.

Il-partijiet fl-ewwel skrittura huma l-konvenut Agostino Bonello u s-socjeta` *Resort Travel Bureau Limited*, li ghaliha kien deher Louis Balzan. L-attur deher biss biex jistipula patt accessorju ta' garanzija.

F'din l-iskrittura saret transazzjoni ta' kawza fl-ismijiet Louis Balzan *nomine versus* Ino Bonello (citazzjoni numru 245/86) u l-konvenut kien intrabat li jhallas lis-socjeta` *Resort Travel Bureau Limited* tlitt elef tliet mija u erbgha u ghoxrin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm3,324.97) u l-ispejjez tal-kawza, waqt li s-socjeta` ntrabtet li ccedi l-kawza. L-attur deher fuq l-iskrittura (ghalkemm ma jidhirx li ffirmaha) sabiex jidhol garanti *in solidum* mal-konvenut ghall-hlas ta' dan id-dejn. Meta xehed fis-17 ta' Frar

1993[1] il-konvenut stqarr illi "l-attur hallas l-ammont imsemmi fl-iskrittura".

Il-konvenut fisser li kellu dan id-dejn mas-socjeta` *Resort Travel Bureau Limited* ghax hu kellu agenzija ta' l-ivvjaggar izda kien qieghed jittraskura x-xoghol ta' din l-agenzija billi l-hin tieghu kien qed jokkupah biex ighin lill-attur fi progett ta' negozju li kellu l-attur. Ghalhekk, ix-xoghol ta' l-agenzija ta' l-ivvjaggar tal-konvenut mar lura u hekk tela'd-dejn ma' *Resort Travel Bureau Limited*. Il-konvenut xehed hekk fl-*affidavit* tieghu ipprezentat fit-2 ta' Ottubru 1992:

Minhabba l-interess li s-Sur Borg kellu biex izommni mieghu hallasli s-somma ta' tlitt elef tliet mija u erbgha u ghoxrin lira (Lm3,324) f'zewg pagamenti dovuti minni lit-*Travel Bureau* msemmi peress li kont qed nigi ppressat minnhom. Irrid nghid illi dawn il-pagamenti waqajt lura fihom ghaliex minn kemm kont ili nahdem fl-interess tas-Sur Borg u l-*partner* tieghu sa Dicembru 1985 jien qatt ma kont ircevejt xi tip ta' pagament, u, naturalment, jien, b'mara, tlitt itfal u iehor fi trieqtu, ridt nghix u kelli nnaqqar mill-flus tan-negozju tieghi li f'dan iz-zmien beda juri sinjali ta' peggorament ghall-fatt li jien ma kontx ghadni niddedika l-hin tieghi ghalih. ... ... ... Fil-fatt din id-decizjoni hadtha fid-dawl tal-promessi maghmulin lili mis-Sur Borg ta' partecipazzjoni fin-negozju ... ... ...[2]

Mix-xhieda ta' l-attur stess, mela, il-qerq – jekk tassew kien hemm qerq, ghax dan, kif tghid il-ligi, ma jistax ikun prezunt – ma kienx dak li gieghel lill-konvenut li jikkuntratta mal-kreditur tieghu biex jittransigi l-kawza, u li jikkuntratta ma' l-attur biex dan jidhol garanti; il-konvenut ghamel dan il-kuntratt ghax kellu dejn ma' terzi u dan id-dejn, bhad-djun kollha, kellu jithallas. Li qed ighid l-attur huwa li l-qerq sar biex hu ittraskura n-negozju tieghu, bit-tama ta' xi haga ahjar, u dan in-negozju, minhabba f'hekk, mar lura.

---

[1] Fol. 59.
[2] Fol. 42.

Izda jekk tassew sar dan il-qerq, ir-rimedju tal-konvenut kien ikun li jitlob id-danni minhabba t-telf tan-negozju tieghu, mhux ifittex li jwaqqa' l-iskrittura, jew dik il-parti taghha fejn deher l-attur. Wara kollox, l-attur ma ha ebda beneficcju minn din l-iskrittura u, ukoll jekk kellha taqa' dik il-parti ta' l-iskrittura fejn deher l-attur, li kien jigri hu li kienet taqa' l-obbligazzjoni ta' l-attur bhala garanti favur terzi, u mhux l-obbligazzjoni tal-konvenut li jrodd lill-attur il-flus li dan hareg biex ihallas id-dejn tal-konvenut. L-obbligazzjoni tal-konvenut, li l-attur qed jitlob il-hlas taghha, tohrog mhux mill-iskrittura izda mill-hlas li l-attur ghamel lill-kreditur tal-konvenut.

L-iskrittura l-ohra, dik tat-2 ta' Gunju 1986, hija bejn l-attur u s-socjeta` *Resort Travel Bureau Limited*. Fuq din l-iskrittura l-attur kien ghamel xi hlas lil dik is-socjeta` u kien surrogat fid-drittijiet tas-socjeta` kontra l-konvenut. Din is-surroga kienet issir ukoll minghajr l-iskrittura ghax, ladarba bis-sahha tal-ftehim ta' garanzija l-attur kien obbligat mal-konvenut u ghall-konvenut ghall-hlas tad-dejn, u kellu interess li jhallas dan id-dejn, l-Art. 1166(c) tal-Kodici Civili jghid li s-surroga ssir *ipso iure*.

L-iskrittura wkoll fiha ftehim ta' transazzjoni ta' kawza ohra, bl-ismijiet Louis Balzan *nomine versus* Ino Bonello *et* (citazzjoni numru 479/86), izda ghalkemm il-konvenut kien parti fil-kawza li giet transatta, ma kienx parti fl-iskrittura.

Ghalhekk difficli tifhem kif il-konvenut qed ighid li din l-iskrittura hija nulla minhabba qerq. Fi kliem l-Art. 981 tal-Kodici Civili "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta", izda f'dan il-kaz il-konvenut ma kienx parti fl-iskrittura; ma jistax ighid illi ikkuntratta minhabba qerq ghax lanqas biss ikkuntratta.

L-eccezzjonijiet ta' nullita`, kemm minhabba vjolenza kif ukoll minhabba qerq, huma ghalhekk michuda.

L-ewwel somma mitluba mill-attur hija ta' tlitt elef tliet mija u erbgha u ghoxrin lira u sebgha u disghin centezmu (Lm3,324.97) li, kif rajna, kienet dejn tan-negozju ta' agenzija ta' l-ivvjaggar.

It-tieni somma mitluba hija ta' mitejn u hamsin lira (Lm250) arretrati tal-kont tat-*telephone* ta' hanut fi Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta[3] mnejn kien gestit in-negozju ta' agenzija ta' l-ivvjaggar li kellu l-konvenut. Ghalkemm il-konvenut stqarr li tassew li l-attur hallas dan il-kont, qieghed ighid, fit-tielet eccezzjoni, li dan il-kont kien ghal telefonati li ghamel l-attur stess.

Mela, kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni somma mitluba mill-attur huma ghal flus li hareg l-attur biex ihallas dejn ta' l-agenzija ta' l-ivvjaggar.

Il-konvenut xehed li, meta hu kien qieghed izomm dan in-negozju maghluq sabiex ilahhaq max-xoghol fuq il-progetti ta' l-attur, l-attur kien ippropona li dan in-negozju jmexxuh bi shab. Qal ukoll li bi ftehim li sar fit-2 ta' Mejju 1986[4] holqu bejniethom socjeta` ghat-tmexxija ta' dan in-negozju. Wiehed mill-pattijiet ta' dan il-ftehim (il-patt numru hamsa) ighid hekk:

(5) The sum of Lm3,500 and any other amounts which might be further advanced by J. Borg, should be paid back by the partnership to Mr J. Borg from the profits, the travel agency or the business conducted by the partnership. After the repayment of the loan/loans by the travel agency or other business all profits are to be shared equally among the partners.

Is-somma ta' tlitt elef u hames mitt lira (Lm3,500) imsemmija fl-iskrittura hija fil-fatt l-ewwel somma li qed jitlob l-attur (Lm3,324.97) mizjuda biex issir cifra ghad-dritt[5]. Il-hlas tal-kont tat-*telephone* ghandu jitqies bhala wiehed minn "*any other amounts which might be further advanced by J. Borg*", ukoll skond l-iskrittura.

[3] Ara x-xiehda moghtija mill-konvenut fis-seduta tas-17 ta' Frar 1993, Fol. 59.
[4] Dok. R, Fol. 203.
[5] Ara l-*affidavit* tal-konvenut, Fol. 44.

Ghalhekk debitur ta' l-ewwel zewg ammonti hija s-socjeta` mhux il-konvenut. Fil-fatt, l-Art. 1665 tal-Kodici Civili jaghti lill-konvenut azzjoni diretta kontra s-socjeta`, mhux kontra s-socju:

1665. Kull socju ghandu azzjoni kontra s-socjeta` mhux biss ghar-radd tas-somom li jkun hareg ghas-socjeta`, bl-imghaxijiet, izda wkoll ghall-obbligazzjnijiet li jkun ikkuntratta b'bona fidi ghall-affarijiet tas-socjeta`, u ghar-riskji li bil-fors iggib l-amministrazzjoni tieghu.

Ghal din ir-raguni t-talba ta' l-attur ghall-hlas tal-flus li hareg biex ihallas kemm id-dejn favur *Resort Travel Bureau Limited* kif ukoll biex ihallas il-kont tat-*telephone* ma tistax tintlaqa', bla hsara, naturalment, ghad-drittijiet ta' l-attur kontra s-socjeta` u kontra l-istess konvenut *si et quatenus* dan ghandu jaghmel tajjeb ghad-djun tas-socjeta`, billi dawk id-drittijiet ma humiex meritu ta' din il-kawza.

L-ahhar ammont li qed jitlob l-attur huwa ta' tlitt elef u tmien liri u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,008.57) li hu kien silef lill-konvenut. Dan l-ammont huwa mfisser fid-dokument li huwa esebit fol. 27 tal-process. Dwar dan id-dokument, il-konvenut xehed hekk fis-17 ta' Frar 1993:

Dan id-dokument hu miktub minni b'eccezzjoni tad-data fuqu u tal-kliem "*Not Saydon*" u tal-figuri "£565" u "£3,008.57". L-inizjali "JB" u "IB" fuq dan id-dokument jirreferu ghall-attur u ghalija rispettivament.

Il-pagamenti li jirrizultaw minn dan id-dokument ... ... ... saru mill-attur. ... ... ... Dawn il-pagamenti huma relatati mar-residenza attwali tieghi u l-attur ghamel dawn il-pagamenti sabiex jien inkun nista' nizgombra malajr mill-fond ta' Saint Leonard Street, Zabbar, u nkun nista' nokkupa r-residenza attwali tieghi li hija 67 Palm Street, Paola[6].

[6] Fol. 60.

Il-konvenut kien joqghod il-Belt Valletta. Minhabba negozju iehor – mhux dak ta' l-agenzija ta' l-ivvjaggar – li kienu sejrin jaghmlu l-partijiet, l-attur ried li jixtri ghalqa f'Haz-Zabbar. Billi, izda,s-sidien ta' l-ghalqa ma riedux ibieghuha wehedha izda riedu jbieghu razzett maghha, il-ftehim kien li l-attur jixtri l-ghalqa u l-konvenut jixtri r-razzett. Qabel ma sar il-bejgh is-sidien ghaddew ic-cwievet lill-konvenut u dan garr hwejgu fir-razzett ta' Haz-Zabbar. Gara izda li l-bejgh baqa' ma sarx u l-konvenut sab post iehor f'Rahal Gdid. L-ispejjez li hallas l-attur saru biex il-konvenut ikun jista' jakkwista u jmr joqghod fil-post ta' Rahal Gdid.

Dwar il-progetti u n-negozju li kellhom flimkien il-partijiet xehed biss il-konvenut, izda l-attur ma cahad xejn minn dak li xehed il-konvenut.

Il-konvenut qieghed issa jghid illi, ladarba l-ispejjez li hu ghamel biex garr id-dar saru fl-interess ta' l-attur, huwa xieraq li l-ispejjez ihallashom l-attur ukoll.

Dan ma hux ghal kollox minnu, ghax il-konvenut ukoll kellu interess fin-negozju, u kien ser ikollu wkoll sehem minnu. Madankollu, il-kwistjoni dwar min ghandu jbati l-ispejjez u f'liema sehem ghandhom jinqasmu hija kwistjoni li ma tistax tinqata' jekk mhux fil-kuntest tal-likwidazzjoni ta' l-interessi rispettivi tal-partijiet. Dan ma jistax isir f'din il-kawza, li hija mibnija fuq premessa ta' dejn, mhux ta' likwidazzjoni ta' socjeta` irregolari. Ghalhekk it-talba, kif maghmula, ma tistax tintlaqa'. Dan, naturalment, qieghed jinghad bla hsara ghad-drittijiet ta' l-attur li johorgu mir-relazzjoni tas-socjeta` irregolari li kellu mal-konvenut.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' l-kawza billi tichad it-talba ta' l-attur, bla hsara ghall-interessi l-ohra ta' l-attur kif imfisser fuq.

L-ispejjez relativi ghall-eccezzjoni ta' nullita` ta' l-iskritturi jhallashom il-konvenut; l-ispejjez l-ohrajn kollha tal-kawza jhallashom l-attur."

**<u>L-APPELL TA' L-ATTUR</u>**

4. L-attur hassu aggravat minn tali sentenza tat-23 ta' Jannar 1998 u interpona appell ghal quddiem din il-Qorti. L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

Illi l-konvenut appellat fix-xhieda tieghu li ta quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Frar 1993 ammetta li huwa debitur ta' l-appellant ta' tlett sommom imsemmijin fic-citazzjoni u cioe` ghas-somma ta' Lm250 bhala arrettrati tat-telefon imhallsin mill-attur appellant ghall-fond gestit minnu kif ukoll ghas-somma ta' Lm3324.74c imhallsa mill-attur appellant skond zewg skritturi tat-13 ta' Marzu 1986 u 2 ta' Gunju 1986 u dan skond dokument A u B esebiti fil-process a Fol. 4 sa 6.

Illi inoltre is-somma ta' Lm3008.57c relatata ma' dokument esebit a Fol. 27 tal-process hija in konnessjoni ma' self maghmul mill-attur appellant lill-appellat sabiex jaghmel il-miljoramenti ghall-fond 67, Palm Street, Paola.

Illi kif diga` inghad dawn il-krediti kollha dovuti mill-konvenut appellat gew ammessi minnu in kontroezami fix-xhieda fuq imsemmija.

Illi kontra l-produzzjoni ta' dokument ma tista' tingieb ebda prova stante li d-dokument juri l-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet u ghalhekk il-fatti speci tad-diversi self maghmul mill-attur appellant jirrizulta mill-iskritturi u huwa totalment apparti ghal kwalsiasi negozju li l-partijiet setghu intraprendew sussegwentement ghas-self maghmul.

Illi mill-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut qed jghid illi l-ammont mhux dovut ghax l-attur huwa debitur tieghu. Huwa qatt ma sostna illi l-ammont mhux dovut minhabba xi negozju li gie intrapriz bejniethom u dan qatt ma seta' jghidu ghax is-self li kien sar mill-attur lill-konvenut kien antecedenti.

Illi mill-atti processwali jirrizulta bhala fatt illi l-Association Agreement li sar bejn il-partijiet kien fit-2 ta' Mejju 1986 u cioe` taht il-partnership bl-isem ta' "Borg and Bonello", liema dokument huwa esebit fil-process bhala dokument R a Fol. 203-204.

Illi bhala fatt li dan il-partnership sar wara s-self maghmul mill-attur appellant gie kkkonfermat mill-istess appellat fl-affidavit tieghu a Fol. 6 u 7 ta' l-affidavit u cioe` a Fol. 38 sa 47 fil-process fejn intqal 'inter alia' illi l-hanut tieghu kien maghluq u kien hasra li kien jibqa' hekk maghluq "ipproponili wara li kien ghamel l-ewwel pagamenti pero` qabel ma effettiva (sic!) l-ahhar pagament illi naghmlu partnership bejnietna ghall-iskopijiet kif jidhru fil-ftehim tat-2 ta' Mejju 1986".

Illi mela minn dan jirrizulta bl-aktar mod univoku illi s-self li ghamel l-attur appellant m'ghandu x'jaqsam xejn mal-partnership intrapriza bejn il-partijiet.

Illi tant m'ghandu x'jaqsam xejn dan is-self maghmul mill-attur appellant lill-konvenut appellat illi dawn kienu hlasijiet maghmula ghan-nom tal-konvenut appellat meta huwa kien ghadu f'negozju wahdu u mhux ma' l-attur.  Zgur illi self iehor ta' Lm3008.57c maghmul lill-konvenut appellat ghall-miljoramenti fir-residenza ta' l-appellat kif ukoll inkluz l-ispejjez notarili ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' komprovendita relattiv m'ghandhom x'jaqsmu xejn man-negozju intrapriz bejn il-partijiet.

Fil-fatt illi mill-istess dokument R u cioe` l-assocjazzjoni li saret bejn il-partijiet fit-2 ta' Mejju 1996 jirrizulta illi l-konvenut appellat iggarantixxa l-hlas lura ta' somma ta' Lm3500 ohra apparti s-somom mitluba f'din ic-citazzjoni u dan kif jirrizulta a klawsola (4) ta' l-istess dokument.

Illi l-attur appellant mhux qed jitlob ir-rifuzzjoni ta' flus li ghandhom x'jaqsmu ma' l-assocjazzjoni ghax kieku dan kien minnu huwa kien jitlob il-hlas lura ta' Lm3,500 li l-appellat iggarantixxa f'dik l-assocjazzjoni.  Illi fil-fatt dak li qed jitlob l-attur appellant huma l-flus mislufa minnu u li m'ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-assocjazzjoni in kwistjoni ghax il-pendenzi ta' l-assocjazzjoni ghad iridu jigu llikwidati bejniethom.

Illi bi zvista l-ewwel Qorti haltet dak li gie misluf mill-appellant direttament lill-appellat u dak li gie intrapriz fl-assocjazzjoni ta' bejniethom.

Illi kuntrarjament ghal dak li ddeduciet l-ewwel Qorti u cioe` illi s-somma ta' Lm3500 imsemmija fl-iskrittura ta' l-assocjazzjoni hija fil-fatt l-ewwel somma li qed jitlob l-attur ta' Lm3324.97 mizjuda biex issir cifra ghad-dritt. Il-hlas tal-kont tat-telefon ghandu jitqies bhala wiehed minn "*any other amounts which might be further advanced by J. Borg*".

Illi dawn l-assunzjonijiet huma kollha zbaljati stante illi dawn iz-zewg pagamenti ta' self u cioe` ta' Lm3324.97c u ta' Lm250 gew effettwati qabel ma giet biss mahsuba u effettwata l-assocjazzjoni u ghalhekk minn dan kollu jirrizulta illi t-Lm3500 ta' l-assocjazzjoni bl-ebda mod ma jistghu jigu kkunsidrati bhala l-ammont imsemmi fl-iskrittura.

Illi barra minn hekk l-assunzjoni tal-Qorti illi l-appellant ma gabx provi in konnessjoni ma' l-assocjazzjoni ta' bejniethom hija bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti mhux flokha stante li l-appellant ma gabx provi fuq l-assocjazzjoni peress li l-kawza kienet fuq self antecedenti u personali u galadarba illi kien hemm il-konferma tad-debitu dovut mill-konvenut u dan ma giex eccepit minnu ma kienx hemm ghalfejn illi dawn il-kwistjonijiet jitqanqlu fl-istadju tal-provi tieghu u meta gew imqanqala mill-konvenut l-attur kien ghalaqa il-provi tieghu u kienu del resto superfluwi stante li mhux eccepiti minnu.

Illi ghal dawn il-mottivi s-sentenza appellata ghandha tigi rrevokata u l-konvenut appellat ikkundannat ihallas lill-attur appellant is-somma ta' Lm6583.54 oltre l-imghax mit-3 ta' Lulju 1990.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tat-23 ta' Jannar 1998 fil-kawza fl-ismijiet premessi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellat u tikkundanna lill-konvenut appellat ihallas lill-attur appellant is-somma ta' Lm6583.54 oltre l-imghax legali

mit-3 ta' Lulju 1990 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUT**

5. Il-konvenut appellat wiegeb hekk:

Illi salv dak li se jinghad aktar l-isfel is-sentenza appellata in kwantu cahdet it-talbiet attrici hija gusta u timmerita konferma: Dana peress illi kif gia` gie sottomess fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut l-iskritturi li fuqhom qed jibbaza it-talba tieghu l-attur appellant huma biss parti minn serje ta' relazzjonijiet f'negozji li l-attur u l-konvenut kellhom bejniethom u ghalhekk l-attur ma jistax jaghmel it-talbiet li ghamel qabel ma jitlob il-likwidazzjoni tal-pendenzi li kellhom bejniethom l-attur u l-konvenut f'dawn in-negozji;

Illi ta' min jirrileva wkoll illi n-negozji u shubija kummercjali tal-partijiet ma kienetx limitata [recte: ma kienux limitati] biss ghal dak provdut fil-partnership agreement tat-2 ta' Mejju 1986 kif jipprova jipprospetta l-appellant fl-appell tieghu imma serje ta' negozji kif ahjar spjegati mill-konvenut fl-affidavit tieghu – u bl-ebda mod michuda mill-istess attur fil-kawza. Ghalhekk kwalsiasi argument li l-appellant sejjes a bazi ta' dan biss huwa fallaci;

Illi di piu` mhux mifhum ghaliex l-attur jiskanta tant kif l-ewwel Qorti cahditlu t-talbiet tieghu meta kull ma ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti kien li asseriet principju fondamentali tad-dritt taghna li fejn ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet ikunu ghadhom fl-indiviz l-ewwel ma trid tintalab huwa id-divizjoni u wara l-assenjazzjoni. L-attur ippretenda li jitlob li jigi assenjat parti minn dak li ghadu ma giex gudizzjarjament diviz u likwidat; l-appellat dejjem sostna li kieku kellha ssir tali likwidazzjoni huwa kien kreditur u mhux debitur ta' l-attur;

Illi l-appellat umilment jaghmel riferenza ghad-diversi makkinazzjonijiet li waslu lill-konvenut jiffirma l-iskritturi li a bazi taghhom saret il-kawza odjerna; dawk l-iskritturi gew iffirmati mill-konvenut meta l-attur bil-promessi u makkinazzjonijiet tieghu induca lill-konvenut jemmen li finalment l-istess konvenut kien ser jippartecipa fin-negozji ta' bejn il-partijiet;

Ghar-ragunijiet suesposti l-appellat jissottometti illi l-appell odjern ghandu jigi rigettat bl-ispejjez kontra l-appellant.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>**

6. L-appell hu dwar kawza istitwita mill-attur in konnessjoni ma' flejjes li l-attur appellant jghid li vversa lill-konvenut fl-ammont ta' Lm6,583.54c. Dawn il-flejjes, dejjem skond l-appellant, ma gewx mghoddija f'daqqa imma kif ser jinghad:

(i) Lm3,324.97c rapprezentanti flus li l-attur hareg f'isem il-konvenut favur terz li kien kreditur tal-konvenut;

(ii) Lm250 arretrati ta' kontijiet ta' telefonati mhallsin mill-attur a beneficcju tal-konvenut billi dawn suppost thallsu minnu;

(iii) Lm3,008.57c – self maghmul lill-konvenut f'aktar minn okkazjoni wahda.

L-eccezzjonijiet tal-konvenut kienu varji u cioe`,

(i) li z-zewg skritturi msemmijin fic-citazzjoni huma nulli u bla effett;

(ii) il-kont tat-telefon kien jirreferi ghal 'sejhiet' maghmulin mill-attur u fl-interess tieghu.

(iii) li kien l-attur li kellu jaghti flus lill-konvenut u mhux kif jinghad mill-attur.

7. Mis-sentenza meritu ta' dan l-appell jirrizulta li l-ewwel Qorti filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar in-nullita` ta' l-iskritturi li gew esebiti ma' l-att tac-citazzjoni in kwantu l-ebda wahda mill-presupposti li hemm fl-artikoli 977 u 981 invokati mill-konvenut ma giet ppruvata, ghaddiet imbaghad xorta wahda biex finalment cahdet it-talbiet attrici.

Illi dwar dik il-parti tad-<u>decide</u> fejn gew respinti l-ewwel zewg eccezzjonijiet ebda parti ma tidher li qeghda tappella. L-appell ta' l-attur jirreferi ghalhekk ghall-parti fejn l-ewwel Qorti spiccat biex ikkonkludiet li t-talba attrici, kif maghmula, ma setghetx tintlaqa'. Billi pero` l-appell sar biss minn naha ta' l-attur u l-konvenut m'appellax minn dik il-parti tas-sentenza tal-Prim Istanza fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni u billi jirrizulta li fil-kors tal-produzzjoni

tal-provi quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad ingiebu provi li jirreferu ghal diversi socjetajiet fosthom dik bl-isem ta’ “Borg & Bonello” – li mhux parti fil-kawza – din il-Qorti, kif dakinhar komposta, tat digriet in data tas-16 ta’ Novembru 2000 fejn ordnat lill-partijiet biex jirrispondu ghal diversi kweziti li hija ghamlet. In risposta, iz-zewg partijiet ipprezentaw zewg noti ta’ osservazzjonijiet rispettivament fejn wiegbu ghad-diversi elucidazzjonijiet li talbithom jaghmlu l-Qorti.

8. Wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kawza u fid-dawl ta’ dak li gie sottomess lilha ulterjorment mill-partijiet kontendenti, din il-Qorti jidhrilha, kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li bejn il-kontendenti kienet tassew giet iffurmata socjeta` irregolari bi skop ta’ gestjoni ta’ natura kummercjali. Jirrizulta li nholqot socjeta` bl-isem ta’ “Borg and Bonello” bejn il-kontendenti proprju ghal dan il-ghan – hekk ara Dokument a fol. 203-204 tal-process u dan fit-2 ta’ Mejju 1986. Billi din is-shubija saret wara s-self, sostna l-appellant attur, dan ifisser li s-self li ghamel lill-konvenut ma kellu x’jaqsam xejn ma’ dan il-“partnership”. Skond l-attur, l-ewwel Qorti skorrettement halltet dak il-kapital li gie misluf mill-attur direttament lill-konvenut ma’ dak li gie intrapriz fl-assocjazzjoni li giet iffurmata wara bejniethom. Illi ghalhekk ukoll l-attur ma kellux ghalfejn iressaq provi dwar l-assocjazzjoni li giet iffurmata wara s-self tal-flus mitluba fic-citazzjoni.

9. Din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, hija tal-fehma li r-relazzjonijiet kummercjali bejn il-kontendenti, tenut ukoll tal-ftehim li ntlahaq bejniethom, kien usa minn kif deskritt mill-attur appellant fir-rikors ta’ appell. Certament jirrizulta mill-provi li r-rapport kummercjali ta’ bejniethom ma kienx cirkoskritt ghaz-zewg skritturi msemmijin fl-att tac-citazzjoni. Dan ir-rapport invece kien wiehed komprensiv u estiz talment li l-attur ma setax jixxindi s-self ta’ flus li hu jghid li ghadda lill-konvenut mill-bqija tar-relazzjonijiet li hu stabilixxa mal-konvenut a bazi ta’ l-assocjazzjoni li fforma flimkien mieghu. Kif allura tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, l-attur ma setax jipproponi talba ghal rifuzjoni ta’ kreditu qabel ma jsir ezercizzju ta’ rezokont u likwidazzjoni ta’ l-

assi, attivi u passivi, li kien ghad hemm pendenti bejn il-kontendenti relattivament ghad-diversi ‘intraprizi’ u ‘progetti’ li bdew ma’ xulxin. Li evidentement jidher li gara hu li l-attur deherlu li jkun utli ghalieh li jissieheb mal-konvenut, fosthom li jiehu sehem fil-gestjoni ta’ agenzija ta’ l-ivvjaggar li kienet originarjament immexxija mill-appellat. L-attur hareg flejjes minn tieghu, filwaqt li l-konvenut jghid li huwa kien qieghed jippresta diversi servizzi a beneficcju ta’ l-attur bla ma jithallas. Dana l-operat beda jsir minghajr ma bdiet tinzamm xi distinzjoni ghal-liema skop jew taht liema katergoriji kien qieghed jinhareg il-kapital, konsistenti fi flus, da parti ta’ l-attur. F’dan l-istat ta’ ambigwita` mahluqa mill-imsiehba stess, m’huwiex il-kompitu tal-Qorti li tipprovdi kjarifika ta’ dan l-operat. Haga bhal din tibqa’ fir-responsabbilta` tal-partijiet involuti.

10. L-ammont reklamat mill-attur jirreferi ghal ta’ lanqas tlett transazzjonijiet differenti. L-ewwel ammont hu relatat mal-gestjoni ta’ l-agenzija ta’ l-ivvjaggar gestita mill-konvenut. Din kellha djun mas-socjeta` Resort Travel Bureau Limited. Id-dejn kien akkumula, skond il-konvenut, ghar-raguni li f’dak iz-zmien huwa beda jigi mqabbad jippresta diversi servizzi ghal u fl-interess ta’ l-attur u dan, flok ma hallsu tax-xoghol tieghu, dahal garanti <u>in solidum</u> mieghu fi skrittura ta’ ftehim li waslet biex il-kawza pendenti li kien hemm kontrieh giet ceduta. It-tieni kont ukoll kien relatat max-xoghol ta’ l-agenzija ta’ l-ivvjaggar fuq imsemmija. Skond il-konvenut in-negozju ta’ l-ivvjaggar beda jinzamm maghluq sabiex hu jkun jista’ jlahhaq max-xoghol ipprogettat mill-attur. L-attur kien ipproponielu, u hu kien accetta, li dan in-negozju ta’ l-ivvjaggar kellu jitmexxa bejnu u bejn l-attur bi shab. Il-ftehim gie in segwitu msarraf fi skrittura datata t-2 ta’ Mejju 1986 – ara Dok ‘R’, fol. 203 – li in forza tieghu giet iffurmata socjeta` ghat-tmexxija ta’ dan in-negozju. Di fatti l-klawsola numru 5 tieghu tghid hekk:
“(5) The sum of Lm3,500 and any other amounts which might be further advanced by J. Borg, should be paid back by the partnership to Mr. J. Borg from the profits, the travel agency or the business conducted by the partnership. After the repayment of the loan/loans by the

travel agency or other business all profits are to be shared equally among the partners".

Ghall-istess raguni wkoll it-tielet ammont reklamat mill-attur kien jinkwadra ruhu – almenu in parte – fi progetti li l-attur kien jissuggerixxi lill-konvenut li kellhom isiru bhala parti mill-assocjazzjoni ta' bejniethom.

11. F'dan l-istat ta' fatt ghalhekk, kif fuq deskritt, li kellu jsir qabel xejn, u hekk gustament osservat u ddecidiet l-ewwel Qorti, kien li jigu likwidati l-assi tas-socjeta` vigenti bejn il-kontendenti biex imbaghad wara kull parti tkun f'qaghda li tkun taf ghandhiex tiehu jew taghti flejjes lill-parti l-ohra, skond ma jkun irrizulta. Illi ghalhekk isegwi li dak li finalment iddecidiet l-ewwel Qorti kien korrett u li l-aggravji ta' l-attur huma infondati.

Ghal dawn ir-ragunijiet tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell ta' l-attur, bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra tieghu.

--------------------------------TMIEM--------------------------------